MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1679/2001/1

**Registratur tal-Qrati.**

**-vs-**

**Riviera Resort Limited (gia Solemar Limited) u Polidano Brothers Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-22 ta’ Ottubru, 2001 li permezz taghha l-attur ippremetta:

1. Illi b’rikors ipprezentat fit-3 ta’ Lulju, 2001 (dok. X), id-Direttur ta’ l-Artijiet ippremetta illi s-socjeta’ Riviera Resort

Limited (dok. A) hija proprjetarja tal-lukanda “Solemar”, liema lukanda hija sitwata fuq art tal-Gvern fil-Marfa, limiti tal-Mellieha;

1.1. illi s-socjeta’ intimata ghandha titolu legali fuq parti zghira biss minn l-art intiera minnha okkupata fil-Marfa, u permezz ta’ digriet tal-Qorti Civili, datat 2 ta’ Frar, 2001, is-socjeta’ intimata, flimkien mas-socjeta’ Polidano Brothers, gew inibit milli jkomplu jesegwixxu kull xorta ta’ xoghlijiet illegali fuq l-art in kwistjoni (dok. B);

1.2. Illi sussegwentement ghal dan il-mandat, ir-rikorrenti pproceda kontra s-socjetajiet fuq citati bi proceduri legali permezz ta’ citazzjoni, li ggib in-numru 128/01 GV, differita ghall-21 ta’ Novembru, 2001, ghad-danni sofferti mill-Gvern u ghad-danni li l-Gvern ghad irid isofri b’kosegwenza ta’ l-okkupazzjoni illegali mis-socjetajiet intimati;

1.3. Illi nonostante d-digriet ta’ din il-Qorti tat-2 ta’ Frar, 2001, kif ukoll il-proceduri legali, fuq citati, ir-rikorrenti sar jaf, permezz ta’ artikolu ppubblikat f’wahda mill-gazzetti lokali datat 29 ta’ Lulju, 2001 (*recte* 29 ta’ Gunju, 2001 – dok. C), li l-lukanda in kwistjoni kienet ser tinfetah ghall-pubbliku fix-xahar ta’ Awissu 2001;

1.4. Illi l-agir tas-socjetajiet intimati, barra l-fatt li jirrendihom hatja ta’ dispezz lejn din l-Onorabbli Qorti, qed ikompli jippregudika l-pozizzjoni tar-rikorrenti;

1.5. Ghalhekk ir-rikorrenti, filwaqt li gab is-suespost a konjizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti, talab bir-rispett li hija tati dawk il-provvedimenti opportuni skond il-ligi.

2. Illi b’digriet tal-31 ta’ Awissu, 2001 (Dok. D), din l-Onorabbli Qorti, wara li kkunsidrat illi almenu *prima facie* jirrizulta li hemm lok li jittiehdu tali proceduri ghal disprezz,

laqghet it-talba tar-rikorrent Direttur ta' l-Artijiet u ordnat lill-attur biex, a bazi ta' l-artikolu 1003A tal-Kap. 12, jibda l-procediment opportun ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kontra s-socjetajiet konvenuti.

3. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

(a) issibhom hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha skond il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Tielet Ktieb, Titolu XVII;

(b) tikkundannahom ghall-pieni hemm indikati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tar-Registratur tal-Qrati mahlufa minn Charles A. Micallef, I.D 283546(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fis-17 ta' Dicembru, 2001 li permezz taghha s-socjetajiet konvenuti eccepixxew:

1. Preliminarjament illi s-socjeta' Riviera Resort Hotel Limited gja' Solemar Limited giet erronjament indikata mill-attur bhala "Riviera Resort Limited";

2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjetajiet konvenuti ma wrewx disprezz lejn l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti, li lejha jiddikjaraw li ghandhom l-akbar rispett;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-Direttur ta' l-Artijiet naqas li jinnotifika tempestivament lis-socjetajiet konvenuti bid-digriet tat-2 ta' Frar 2001, citat mill-attur,

u ghalhekk qatt ma jistghu jinstabu hatja li vvjolaw l-ordni kontenuta fl-imsemmi digriet;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante illi s-socjetajiet konvenuti kienu gew inibiti milli jaghmlu xogholijiet “illegalment u abbuzivament fuq art tal-Gvern”, u stante illi s-socjetajiet esponenti qeghdin jinsistu li kull xoghol ezegwit minnhom kien legittimu u qed jigi kontestat it-titolu tal-Gvern fuq l-art *de quo*, u stante illi dan huwa l-mertu tal-kawza fl-ismijiet *Direttur ta’ l-Artijiet vs Riviera Resort Hotel Limited et* (128/01 JRM), din l-Onorabbli Qorti ghandha tissopprassjedi pendenti l-ezitu ta’ l-imsemmija kawza;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetajiet konvenuti mahlufa minn Dennis Muscat, I.D 56845(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fl-14 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha cahdet ir-raba’ eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Mejju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

Illi din hija fejn qed tintalab il-kundanna ghal disprezz tal-Qorti wara li s-socjetajiet konvenuti baqghu ghaddejjin b’ xoghlijiet nonostante illi kien inhareg fil-konfront taghhom mandat ta’ inibizzjoni. L-ewwel eccezzjoni giet sorvolata billi saret il-korrezzjoni necessarja fl-okkju.

Dwar il-provi li nhareg il-mandat ma hemmx kwistjoni; dan igib in-numru 175 tas-sena 2001 u inhareg biex il-konvenuti ma
jibqghux jibnu fuq art tal-Gvern. Inhareg fit-2 ta’ Frar ta’ l-istess sena u kopja tieghu giet esebita fl-atti tal-kawza.

Fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru, 2004 xehed Martin Bajada mill-Estate Management tad-dipartiment tal-Artijiet illi qal li huwa kien ghamel spezzjoni fuq l-art in kwistjoni wara li nhareg il-mandat u kien cert, anke mid-dokumenti li kellu li l-konvenuti baqghu jibnu fuq l-art li kienet tal-Gvern. Dan gara ghaliex is-socjeta’ Riviera Resort kellha proprjeta’ adjacenti ghal proprjeta’ tal-Gvern u rrizulta illi qabzet il-linja divisorja.

Ix-xhud imsemmi a fol 7 tad-deposizzjoni tieghu qal li sa Awwissu u Ottubru ta’ l-istess sena (2001) baqa’ jmur regolarment fuq il-post u seta’ jirriskontra illi x-xoghlijiet kienu ghadhom ghaddejjin. Dan kien l-uniku xhud ghaliex l-attur ma ressaqx iktar provi. Mill-banda l-ohra l-konvenuti ma ressqu ebda prova u ghalhekk ma rribattewx il-prova mressqa mill-attur. Ghalhekk it-talbiet attrici gew ippruvati. Billi x-xoghlijiet gew esegwiti mid-ditta Polidano fuq ordna tad-ditta Riviera l-Qorti ser tikkundanna lil din ta’ l-ahhar multa ikbar. Hu naturali li ordni bhal ma kellhom fil-konfront taghhom il-konvenuti kellhom jigu obduti u mhux jigu njorati kif evidentement ghamlu l-konvenuti.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijet tal-konvenuti u ssib lill-konvenuti responsabbli ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti skond il-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u tikkundanna lill-konvenuti Riviera Resort Hotel Limited is-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) bhala multa u lill-konvenuti Polidano Brothers Limited is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) bhala multa.**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------